TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 688

KAZ NRU. 856

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Elizabeth Grech

u

Derek Garden Centre Company Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 26 ta' Frar 1996

CHAIRMAN : GEORGE BORG CARDONA

Il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra referenza ME/2/94/36 datata 13 ta' Lulju 1994 skond l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hames laqghat. Elisabeth Grech, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Joseph P. Bonello LL.D. u Derek Garden Centre Co. Ltd., aktar l-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet rapprezentata minn Melosaul Balzan assistit mill-Avukat Reuben Balzan LL.D.

Fl-"istatement of case" taghha l-appellant qalet li l-Principal kien iqabbadha taghmel hafna xoghol li mhux konness mal-kariga taghha inkluz hasil ta' l-art u tindif ta' "toilets". Meta pprotestat mieghu li ma kienx xogholha qallha biex ma tigix izjed ghax-xoghol. Ghaldaqstant it-tkeccija kienet ingusta.

Fl-"istatement of case" taghha l-Kumpanija qalet li l-appellant inghatat diversi twissijiet mid-direttur fejn giet infurmata li ma kienetx qed taghmel xogholha b'mod tajjeb u kif kien mistenni u miftiehem qabel ma bdiet l-impieg. Fil-fatt kienet l-appellant stess li qalet lid-direttur illi jekk jidirlu li ma kienetx qed tahdem tajjeb ikecciha. Ghalhekk it-tkeccija kienet gustifikata.

Mix-xhieda u/jew mid-dokumenti jirrezulta li :

a) l-appellant giet impjegata bhala "Sales girl".

b) skond il-Kumpanija qabel bdiet tahdem gie spejgat lilha x-xoghol u li l-hanut u l-pjanti ikunu "in order". Dan kien jinkludi tfarfir ta' l-ixkafef u knis tal-hanut.

c) skond l-appellant id-direttur kien qallha biss li jekk ikun hemm xi werqa safra fil-pjanti ghandha tnehhija izda qatt ma semmghielha xejn dwar knis jew tfarfir.

d) li l-appellant giet mqabbda tahsel l-art u "toilets".

e) skond il-Kumpanija d-direttur gergrilha "a couple of times" ghax x-xoghol ma kienx qed isir fil-livel li riedu hu.

f) l-appellant qatt ma giet moghtija "warnings" ghalkemm tammetti li xi drabi gergrilha dwar x-xoghol.

g) l-appellant qalet lid-direttur li kienet qed taghmel aktar xoghol ta' tindif milli ta' "sales girl" u li ma riedetx taghmel aktar xoghol ta' tindif ghaliex hi mpjegata bhala "sales girl".

h) l-appellant qalet lid-direttur kliem fis-sens li jekk jidhirlu li mhix qed taghmel xoghol tajjeb jista' jkecciha.

i) ir-raguni ghaliex spiccat mix-xoghol originarjament tnizzlet bhala " mhux adatta ghax-xoghol rikjest minnha" u sussegwentement zdiedu l-kliem "apparti dak ta' salesgirl".

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellant ghamlet enfasi li kienet giet impjegata bhala "sales girl", li meta giet ngaggata ma giex specifikata li kellha tghamel tindif u partikolarment hasil ta' l-art u ta' "toilets", li qatt ma inghatat "warnings" u li fic-certifikat ta' terminazzjoni ta' impieg ir-raguni tnizzlet bhala "mhux adatta ghax-xoghol rikjest minnha apparti dak ta' salesgirl".

Il-Kumpanija kkontendiet li ghalkemm l-appellant giet impjegata bhala "sales girl" kienet mistennija li taghmel xoghol generali ta' tindif u "li kollox ikun in order". li ghalkemm ma nghatatx "warnings" id-direttur kien igergrilha li mhix qed taghmel xoghol tajjeb, li "warnings" li xogholok mhux qed taghmlu tajjeb ma jezistux, li hi stess kienet qalet lid-direttur "Jekk mhux qed naghmel xogholi tajjeb ibghatni" u li r-raguni ghat-temm ta' mpieg, kif tnizzlet fic-certifikat, saret hekk biex ma ssirx hsara lill-appellant.

It-Tribunal ikkunsidra li :

1. L-appellant kienet impjegata bhala "sales girl".
2. Doveri ta "sales girl" jistghu jinkludu certu tindif hafif ta' kuljum biex hanut jinzamm "in order" izda certament mhux hasil ta' l-art u ta' toilets li hu xoghol ta' "maid".
3. Ma jirrezultax li gie specifikat lill-appellant meta giet ngaggata li kellha taghmel dan it-tip ta' tindif.
4. Fil-fatt l-appellant giet mqabbda taghmel dan it-tip ta' xoghol u pprotestat.
5. Ghalkemm id-direttur gergrilha "a couple of times" qatt ma nghatat "warnings" verbali jew bil-miktub.
6. L-appellant qalet lid-direttur li jekk mhix taghmel xoghol tajjeb jista jkeccija.
7. Ir-raguni kif tnizzlet fic-certifikat ta' temm ta' mpieg teskludi li l-appellant ma kienetx tajba ghax-xoghol ta' "sales girl".

It-Tribunal kemm il-darba ddikjara li t-tkeccija ghandha tkun il-kastig estrem u li ssir biss fejn ikun hemm raguni tajba u sufficjenti. Ma jirrezultax li l-appellant ma qdietx sewwa d-doveri ta' "sales girl", il-kariga li fiha giet impjegata, u l-anqas li nghatat xi "warnings" dwar xoghol ragenovalment konness mal-kariga. Mhux minnu, kif ikkontendiet il-Kumpanija, li ma jezistux "warnings" li xogholok mhux qed taghmlu tajjeb. Fil-fatt "warning" verbali jew bil-miktub jista' jinghata fuq kull nuqqas. Jekk l-appellant kellha xi nuqqas dwar iz-zamma tal-hanut "in order" l-Kumpanija kellha

nuqqas li qabbditha taghmel tip ta' xoghol li jeccedi dak normalment mistenni minn "sales girl". Ir-raguni ghaliex spiccat mix-xoghol, kif imnizzla u hu x'inhu l-iskop li saret hekk, tfisser li kienet adatta ghax-xoghol dovut minnha bhala "sales girl" izda mhux adatta ghal xoghol rikjest minnha (li allura mhux ta' "sales girl").

It-Tribunal jenfasizza li l-appellant, bhala mpjegata, kellha l-obbligu li taghmel dak kollu ragonevoli fil-kuntest ta' l-impieg taghha biex iggib il-quddiem in-negozju tal-Kumpanija u li tirrispetta l-Principal. Anke f'cirkostanzi fejn ikollha ragun ghandha taghmel il-protesta bi prudenza u b'mod xieraq specjalment meta seta' kellha xi nuqqasijiet f'affarjiet ohra. Ma jmessiex qaltlu kliem fis-sens li jekk xogholha ma joghgbux ghandu jkecciha.

Fuq kollox min iwettaq it-tkeccija ghandu l-obbligu li jaghti r-raguni vera u min jitkecca jista' ma jaccettahiex. Hu perikoluz li wiehed ma jkunx ezatt u korrett, anke b'intenzjoni tajba, ghaliex ic-certifikat ta' temm ta' impieg huwa dokument importanti u jinghata certu pis meta jinqalghu kwistjonijiet tax-xoghol. Fejn impjegat jitlob li titnizzel raguni partikolari jista' jidhol id-dubju jekk kienx hemm accettazjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha jasal ghall-konkluzjoni li t-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti izda l-appellant ikkontribwiet ghat-tkeccija bil-mod kif agixxiet. Din forsi ma kienetx is-sehh kieku ressqet l-ilmenti taghha b'mod aktar prudenti.

It-Tribunal ghalhekk jordna lill-Kumpanija biex thallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 250) lill-appellant bhala kumpens. Il-pagament ghandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' April 1996.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin liri Maltin (Lm 40).

B'hekk itemm din it-tilwima tax-xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju